MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## LAWRENCE QUINTANO

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 219/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Anna Marie Micallef)**
**Vs**
**Kurt Borda**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 132789 (M)] quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli Nhar is-16 ta' Lulju 2008, għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' filgħaxija (21:30hrs), waqt li kien qiegħed isuq vettura numru DBA 121 tal-għamla Landrover, fi Triq it-Torri, Sliema,

1. B' nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b' nuqqas ta' tħaris tar- regolamenti ikkaġuna il-mewt ta' Maria Carmela Melita Bonnici, anzjana ta' 81 sena minn Tas-Sliema;

2. Saq vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni DBA 121 tal-għamla Land Rover b’ manjiera traskurata;

3. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBA 121 tal-għamla Land Rover b’ manjiera perikoluża;

4. Minħabba ċ-ċirkostanzi tat-triq saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DBA 121 tal-ghamla Land Rover b’ veloċita’ qawwija;

5. Fl-istess data, lok, ħin u cirkostanzi waqt li kien qed javviċina pedestrian crossing naqas li jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-27 ta’ April, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 17 u 225 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 127.89 (Regolamenti tat-Traffiku) l-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tiegħu u kkundannatu sentejn (2) priġunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jiġu sospiżi ghall-perjodu ta’ tliet (3) snin u skwalifikatu milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal żmien sitt (6) xhur.

B’applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub iħallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta’ elfejn tliet mija u tlieta u għoxrin Ewro u ħamsa u disgħin Ewro ċenteżmu (€2323.95) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta’ esperti f’dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 ta’ Mejju, 2012, li bih talab li din il-Qorti jogħġobha takkolji dan l-appell billi tirrevoka u tħassar ghal kollox is-sentenza ta’ l-Ewwel Onorabbli Qorti datata 27 ta’ April 2012 u minflok tillibera lill-istess appellant minn kull imputazzjoni u piena.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti u ċioe':-

1. Għalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti qablet mad-difiza li kien hemm element qawwi ta' negligenza kontributorja da parti tal-vittma pero` dehrilha li l-imputat ukoll kellu jinsab responsabbli għall-inċident in kwistjoni kemm a bazi ta' nuqqas ta' "proper look out" u kif ukoll nuqqas ta' kontroll tal-vettura tiegħu. Kompliet tispjega l-Ewwel Qorti li n-nuqqas ta' kontroll tal-vettura kienet gejja mill-fatt li kien hemm difett mekkaniku fil-vettura meta ġew applikati l-brakes iżda prinċipalment minhabba l-velocita` eccessiva li biha kien qed isuq l-imputat.
2. Illi dawn it-tliet kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti ser jigu trattati separatament.

**<u>Nuqqas ta' "proper look out"</u>**

1. L-appellant kien qed isuq il-vettura tieghu fi triq prinċipali li ġeneralment tkun traffikuza specjalment dak il-hin ta' filghaxija fis-sajf. Illi għalhekk is-sewwieq ikun attent fuq it-traffiku ta' quddiemu fi triq li hija dritta;

2. Illi s-sewwieq għandu jagħti aktar attenzjoni kif ikun qed javviċina ż-żebra crossings biex jaċċerta ruħu li ma kien hemm ħadd li jkun irid jaqsam, ħaġa li rrizulta li għamel skond kif stqarr huwa stess. Difatti ma kien hemm ħadd li kien qed jaqsam fuq iż-żebra crossings u huwa baqa` għaddej fi triqtu;

3. Illi ma hux mistenni li sewwieq għandu joqgħod iħares lejn il-genb tat-triq biex jara jekk xi pedestrian ifettillux jaqsam minn fejn mhux suppost meta fi ftit distanza bogħod ikun hemm żewġ zebra crossings proprju għal dan l-iskop;

4. Illi l-impatt mal-vettura tiegħu seħħ fuq in-naħa ta' quddiem fil-genb xellugi tal-vettura tiegħu. Meta l-espert tekniku Mario Buttigieg ġie mistoqsi jekk l-impatt seħħx

mal-mudguard tax-xellug, irrisponda “yes yes”. Dan jindika ċar li huwa laqat lill-anzjana hekk kif hija appena ħarġet minn wara s-sigar u xtieli li hemm fil-ġenb tat-triq u bdiet taqsam it-triq. Dan huwa indikattiv tal-fatt li għalkemm sewwieq ikun żamm “proper look out” tat-triq quddiemu, tkun ferm diffiċli jekk impossibbli għalih li jinnota persuna li tipprova taqsam mill-punt fejn qasmet l-anzjana. Li kieku laqatha fin-nofs tat-triq u bil-parti frontali tal-vettura tiegħu kienet tkun storja oħra – pero` mhux hekk ġara f’dan il-każ.

5. Fil-fatt Thea Borg, xhud tal-prosekuzzjoni, li kienet riekba bħala passiġġiera mal-appellant xehdet li għalkemm hija stess kienet qed iżżomm “look out” għan-nies li kienu mexjin fuq il-bankina, peress illi kienet qed tfitex lill-ġenituri tagħha, hi stess lanqas biss rat lill-anzjana tippunta taqsam it-triq. Tispjega !i qgħadt niċċekkja forsi narhom u hekk, imbagħad qisni bħala speċi nara shadow u għidtlu “ara hemm” u x’hin għidtlu ara hemm nisimgħu bumm mill-ewwel. Jigifieri jiena ma rajthiex ….. lilha ma rajthiex. Shadow rajt …. Xħhin għedt ara hemm bum mill-ewwel”.

6. Illi jinghad inoltre li apparti d-dellijiet li jagħtu d-dwal f’dik iz-zona minħabba dawl baxx u s-sigar u xtieli li hemm fil-ġenb tat-triq. (Vide anke x-xhieda ta’ Manwel Sant, xhud prodott mill-prosekuzzjoni) tajjeb osserva l-espert tekniku Mario Buttigieg fejn qal li d-dawl li hemm fejn il-bus stop mnejn qasmet l-anzjana f’dawk il-vicinanzi, dan iservi biex ifixkel il-viżjoni tas-sewwieq.

**<u>Difett mekkaniku fil-vettura meta japplika l-brakes</u>**

1. Illi l-appellant ressaq provi in difesa kontra l-argument tal-prosekuzzjoni dwar l-allegat difett fil-braking system. Ressaq prova oggettiva fis-sens li pprezenta ċ-ċertifikat tal-VRT test li saret ftit tax-xhur qabel mnejn irriżulta li l-braking system kienet tiffunzjona tajjeb u kif ukoll xhud in difesa, l-persuna li kienet taghmillu s-service fuq din l-istess vettura. Dan tal-aħħar spjega kif l-appellant huwa ffissat fuq il-vettura tiegħu u malli jkun

hemm xi ħaġa mhux funzjonanti tajba fil-vettura, huwa jibdel mill-ewwel dik il-parti u mhux joqgħod jirranġaha.

2. Illi apparti l-argument hawn fuq espost pero`, jigi sollevat li anke jekk għas-saħħa tal-argument kellu jiġi ammess (dato non concesso) li l-braking system kienet difettuża, xorta waħda din ma tistax tiġi meqjusa bħala fattur materjali u/jew influenti għal kaz in diżamina. Dana qed jingħad peress illi kif seħħ dan l-inċident, il-kwistjoni tal-brakes ma kien jaffettwa xejn peress illi l-impatt seħħ qabel ma għafas il-brakes jew tal-anqas appena beda jagħfas il-brakes. Tant kien hemm distanza ravviċinata (kważi xejn) bejn il-vettura u l-post fejn bdiet taqsam l-anzjana li l-kwistjoni li l-vettura tiġbed lejn naħa waħda mal-applikazzjoni tal-brakes ma kellha x'taqsam xejn mal-akkadut. Difatti din l-osservazzjoni sollevata mid-difiża giet anke konfermata mil-espert tekniku Mario Buttigieg.

**<u>Veloċita` eċċessiva</u>**

1. Illi r-raguni ta' velocita` eċċessiva huwa l-fattur principali l-għala l-Ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Illi jekk wiehed jara l-kunsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fuq din il-materja, jinnota li hija straħet interament fuq ir-rapport mħejji mill-espert tekniku Mario Buttigieg. Issa jingħad li dan l-espert wasal għal tali konklużjoni bażikament minħabba l-brake marks li huwa sab fuq is-sit in kwistjoni u naturalment huwa argumenta li brake marks jindikaw speed u kwindi f'dan il-każ jindika speed eċċessiv għal dik iz-zona in kwistjoni, (vide kontro-eżami ta' Mario Buttigieg).

2. Illi tali kunsiderazzjoni magħmula sew mill-espert tal-Qorti u kif ukoll mill-istess Qorti fis-sentenza tagħha, ghalkemm matematikament korretta pero` fl-istess ħin għandha tisfaxxa fix-xejn jekk jirrizulta li dawk il-brake marks li qed jigu attribwiti lill-vettura tal-appellant fil-fatt ma kinux jappartjenu lill-istess appellant.

3. Illi difatti d-difiża prinċipali li ressaq l-appellant kien appuntu l-fatt li huwa kien qed isuq b'manjiera moderata u

l-brake marks li ġew attribwiti għall-vettura tiegħu fil-fatt ma kinux jappartjenu lill-vettura tiegħu. Illi huwa biżżejjed għall-appellant li jipprova t-teżi tiegħu fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilita` liema prova għandha twassal biex ċertament tohloq dubju raġjonevoli f'min ikun qed jiġġudika u kwindi twassal evidentement għall-konklużjoni li l-prosekuzzjoni ma tkunx ipprovat il-każ tagħha 'l hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

4. Illi l-provi li ressaq l-appellant f'dan ir-rigward joħorġu sew minn fatti materjali li jirriżultaw mill-istess rapporti mħejjija mill-esperti Mario Buttigieg u l-Perit Richard Aquilina, sew mir-risposti li huma taw in kontro-eżami u kif ukoll minn xhieda okulari tal-istess inċident liema xhieda tressqu mill-istess prosekuzzjoni u li kwindi l-istess xhieda tal-istess prosekuzzjoni ħolqu ċertament konflitt fil-provi mressqa mill-prosekuzzjoni nfisha – dana kollu kif ser jigi spjegat u elaborat aħjar hawn taht :-

a) Irriżulta mill-kontro ezamijiet tal-Perit Aquilina u ta' Mario Buttigieg li huma kellhom jitħabtu sew u għamlu żmien twil fuq is-sit tal-inċident sabiex jipprovaw jidentifikaw u jiddeċifraw liema setgħu kienu l-brake marks li halliet il-vettura tal-appellant. Saħansitra rriżulta li l-appellant stess xegħel id-dwal tal-istess vettura tiegħu sabiex jgħin lill-esperti tal-Qorti jespletaw l-inkarigu tagħhom.

b) Irriżulta li fit-triq in kwistjoni, li kulħadd jaf li hija triq traffikuża ħafna, kien hemm diversi sinjali ta' brake marks apparti l-fatt li kif stqarr in kontro-eżami l-istess perit tekniku jikkonferma li brake mark jista` jdum jidher għal diversi sigħat. Fl-istess kontro-ezami s-sur Mario Buttigieg ikompli jgħid li jaqbel mad-difiza dwar il-fatt li damu biex jipprovaw jidentifikaw liema kienu l-brake marks li ħalla l-appellant u dana kemm minħabba is-sitwazzjoni tad-dawl xejn pjaċevoli u kif ukoll il-għaliex kien hemm ħafna brake marks ohra fit-triq tant li kellhom jagħmlu eżerċizzju li jiskartaw diversi brake marks oħra li ma setgħux ikunu dawk tal-appellant.

c) Għalkemm l-espert Mario Buttigieg ipprova jispjega kif wasal ghal konklużjoni li l-brake marks indikati

minnu kienu tal-appellant billi jgħid li ha l-qisien tagħhom u l-pattern li jħallu, ta' dan kollu ma ssib xejn fil-proċess. Ma hemmx għad-disposizzjoni tad-difiza l-elevazzjoni tal-brake marks li sabu fit-triq – la hemm il-qies fil-wisgħa – la hemm il-pattern tat-tyre – xejn minn dan. Kif tista' l-prosekuzzjoni targumenta li dawk kienu l-brake marks li ħalliet il-vettura tal-appellant meta fil-process ma hemm ebda prova materjali tal-istess brake marks nfishom, ħlief għar-ritratti u lanqas ma hemm il-prova materjali tat-tip ta' tyre u thread tal-vettura tal-appellant. Meta mistoqsi specifikament dwar dettalji fuq il-brake marks li bbaża fuqhom fir-rapport tiegħu huwa jwiegeb hekk "Kif qed tgħid inti le". Ċioe` ma hemm ebda prova dwar l-istess marki hlief ghal dak indikat fir-rapport tal-perit Aquilina. Ikompli jgħid li r-raġuni l-għala strah fuq dik il-brake mark indikata mill-perit fir-rapport tiegħu l-għaliex "stajna nikkonstataw li kien dak il-brake mark għax kien l-aktar wieħed skur li kien hemm fit-triq". Mistoqsi jekk ħax il-wisgħa tal-brake marks u l-wisa tat-tyres tal-appellant, jirrispondi "jekk ma ħadtux jien seta' ħadu l-perit. Jien minn naħa tiegħi ma ħadtux". Rega mistoqsi "jigifieri inti la hadt il-wisgħa tat-tyre u lanqas pinġejt il-pattern li ħalla dan it-tyre? Iwiegeb "dak ix-xogħol tal-perit u ma nidħolx fih jiena". Dan in-nuqqas jassumi importanza aktar serja meta wieħed jikkunsidra l-fatt li meta l-perit Aquilina ġie mistoqsi fuq din il-materja wkoll in kontro-ezami u cioe` jekk hax notamenti dwar id-dettalji tal-brake marks bħala record tal-hxuna tat-tyres, tat-thread, tal-pattern, tal-imprint li ħallew, huwa wkoll wieġeb "jien ma ħadthomx indikajt pożizzjoni, it-tkaxkira tagħhom ma ħadthomx". Ċertament li dan ma hux il-mod xjentifiku kif wiehed jistabilixxi u jidentifika brake mark ma tyre.

d) L-espert Mario Buttigieg jipprova jiggustifika tali nuqqas ta' prova materjali tal-brake marks billi jistrieh fuq ir-rapport tal-perit Arkitett Richard Aquilina. "Dak ma jkunx hemm il-pjanta tal-perit". Mistoqsi "inti mxejt biss fuq dik il-brake mark li pinga l-perit?" Jirrispondi "ehe". Li ma kienx jaf pero` li l-konkluzjoni maghmula minnu fuq l-istess brake marks ma jikkombacjawx mar-riżultanzi magħmula mill-Perit Aquilina kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem.

e) Illi fil-fatt l-aktar prova materjali li tikkontradici l-konklużjoni tal-espert Mario Buttigieg huwa l-fatt li filwaqt li huwa jargumenta li kkonkluda li dawk kienu l-brake marks tal-appellant il-ghaliex l-istess marki jaslu sa taht il-vettura tal-appellant, u cioe` jghid “plus li baqgħu sejrin sa taht it-tyres tieghu”, mill-banda l-ohra għandna r-rapport tal-perit Aquilina fejn dan l-espert tekniku jindika li l-istess brake marks jieqfu diversi metri (mhux pulzieri) ‘il bogħod mill-vettura tal-appellant kif dal resto jerga’ jikkonferma fix-xhieda tiegħu in kontro-ezami. Difatti meta mistoqsi jekk hux minnu li l-brake marks ma jaslux sa taħt il-vettura sa point 14, il-perit Aquilina wiegeb “le, li sibna fuq il-post gie riprodott, u kwindi li tfisser li fuq il-post ma sab ebda brake marks li jaslu sa taħt il-vettura tal-appellant. Fil-fatt ikompli jgħid l-istess perit Aquilina li minn fejn jispiċċaw il-brake marks sal-karozza kien hemm distanza ta’ disa` (9) metri cioe` mat-tletin pied. Prova oggettiva aktar skjaċċjanti bħal din ma jistax ikollok biex wieħed jikkontesta s-sejbiet u konklużjonijiet ta’ Mario Buttigieg, meta kkonfrontat b’dan il-fatt mid-difiza, l-espert Mario Buttigieg jirrispondi “ehe nikkonferma mija fil-mija dak li qed jgħid id-difiża pero` dak kien aktar wieħed skur u l-iktar wieħed frisk li kien hemm fit-triq …..” Multo magis jissokta jgħid “deher li l-brake marking kien sar within a couple of hours. Il-perit Aquilina jgħid li dawk kienu l-aktar brake marks pronounced li kien hemm fuq il-post. L-oħrajn ma kinux daqshekk ċari daqs dawk li jikkonduċu għaliha. Il-Perit Aquilina lanqas ma seta’ jeskludi li brake marks kienu tħallew hemm sagħtejn qabel.

f) hemm ukoll diversi żbalji oħra dwar id-data tal-inċident kif ukoll meta jgħid li ma kienx hemm xhieda okulari.

g) L-ispeed tal-appellant ma kienx elevat. L-anzjana spiċċat mal-mudguard xellugi tal-vettura u baqgħet mal-istess mudguard sakemm waqfet din il-vettura. Kieku l-landrover laqtet lill-anzjani bi speed qawwi, kieku kienet tispiċċa ‘l hinn sew mill-vettura.

h) l-ispeed tal-appellant kien moderat. Thea Borg qalet li l-appellant kien qed isuq bil-mod. L-istess qalu Manwel

Sant u Silvana Calleja. Dawn ix-xhieda ma kinux imsemmijin mill-Ewwel Qorti. Għalhekk ma kienx ippruvat li l-appellant kien qed isuq b'veloċita' qawwija. L-inċident ġara minħabba kif qabdet u qasmet l-anzjana.

Ikkonsidrat

Li dan l-appell, għalkemm maqsum f'partijiet, huwa prinċipalment dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati kemm f'dak li huma xhieda okulari kif ukoll ix-xhieda esperti. Il-prattika tal-Qorti tal-Appell Kriminali f'appelli bħal dawn hija li ma tiddisturbax il-konklużjoni tal-Qorti tal-Maġistrati jekk din il-Qorti setgħet tasal għal din il-konklużjoni legalment u raġjonevolment. Filfatt fis-sentenza 'Il-Pulizija versus Pierre Buttigieg' tas-17 ta' Settembru 2008, Appell Kriminali 27/2008 preseduta mill-Imħallef l-Onor Dr Joseph Galea Debono intqal hekk:

'Illi l-aggravji tal-appellant jirrigwardaw prinċipalment l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Illi trattandosi ta' apprezzament tal-fatti, hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet ghaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinetx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx ragjonevolment tasal ghall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni (ara f'dan issens *"inter alia"* l-Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs.Raymond Psaila et."** [12.5.94; **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi"** [14.2.1989]; **"Il-Pulizija**

**vs.Carmel sive Chalmer Pace”** [31.5.1991]; **“Il-Pulizija vs.Anthony Zammit”** [31.5.1991] u oħrajn .)’

Għalhekk il-Qorti għarblet il-provi mill-ġdid li minnhom jirriżulta dan li ġej.

Skont l-Ispettur Anna Maria Micallef, l-appellant kien qalilhom li huwa kien qed isuq b’veloċita’ normali mid-direzzjoni ta’ San Ġiljan meta sema’ lit-tfajla tgħidlu ‘Ar’hemm’ u waqaf. Huwa qal li ma kienx ra lill-vittma taqsam dak il-ħin.

Mix-xhieda ta’ WPS 215 Valerie Farrugia jirriżulta li meta marret fuq il-post tal-inċident hija sabet landrover bir-reġistrzzjoni DBA -121 u mara mal-art. L-appellant kien qalilha li kif wasal ħdejn il-bus stop ta’ Perry Estate sema’ daqqa mal-karozza, ibbrekja u meta ħareġ mill-karozza ra mara mal-art. L-appellant u Thea Borg ma rawhiex taqsam lill-vittma . L-appellant qal li kien qed isuq b’madwar 60 Km fis-siegħa. Il-ħin tal-inċident kien id-9.15pm u t-triq kienet imdawla sew.

Fil-kontro-eżami qalet li l-vittma ma kinitx taħt il-landrover iżda jidhrilha li kienet xi erba’ metri bogħod għalkemm ma kenitx niżżlet dan id-dettall fir-rapport. Fejn ġara l-inċident m’hemmx zebra crossing imma hemm tnejn – waħda lejn it-Torri u l-oħra qrib id-Diplomat Hotel.

Thea Borg xehdet li hija kienet qed tħares lejn in-naħa fejn ikunu mexjin ħafna nies biex tara tilmaħx lill-ġenituri tagħha. Imbagħad qisha rat dell u lill-appellant qaltlu ‘Ar’hemm.’ Lill-anzjana ma ratha f’ebda ħin. Ix-xhud kienet għadha ma bdietx issuq u għalhekk xi speed kienu għaddejin bih ma tafx eżatt. Hija kkonfermat li meta kienet tkellmet mal-pulizija dak in-nhar tal-inċident hija kienet qalet li l-appellant kien qed isuq bil-mod.

Xehed ukoll Manwel Sant li qal li kien miexi bil-mod biex isib parking. F’daqqa waħda sema’ ħoss ma’ ġenbu u x’ħin ħares ra Land Rover li baqgħet tielgħa biċċa ‘l fuq. Huwa waqaf meta sema’ n-nies jgħajtu.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li t-triq ma kenitx mixgħula ħafna. L-appellant kien qabad lill-vittma bil-kontra tan-naħa tax-xufier. L-anzjana kienet in-naħa tal-bankina. Il-landrover kienet qed tinstaq normali.

Xehdet ukoll Silvana Calleja. Qalet li kienu sejrin fid-direzzjoni tal-Balluta. Hija kienet semgħet ħoss u waqfu. Imbagħad indunat li kien sar inċident. Skont ix-xhud, il-landrover ma kenitx għaddejja b'veloċita'.

Fil-kontro-eżami hija qalet li mal-bankina hemm xi siġar u pjanti.(fol 44, 45).

Il-Perit Richard Aquilina kkonferma r-rapport tiegħu li qiegħed a fol 18 tal-proċess.

Il-kontro-eżami sar fl-10 ta' Marzu, 2011 (fol 104). Ix-xhud kkonferma li l-brake marks jaslu sa appoint 7 u li għalhekk ma jaslux sa taħt il-vettura. Minn point 7 sa 14 hemm xi 9 metri. Id-debris qiegħed fejn hemm il-point 6. Ix-xhud kien ħa l-pożizzjoni u t-tkaxkira tagħhom. Brake mark tista' tkun akbar mill-oħra għaliex l-vettura tkun rabtet naħa aktar mill-oħra.

**Fir-ri-eżami il-Perit Richard Aquilina qal li l-brakemarks kienu għad-direzzjoni ta' dik il-vettura** kif ukoll li ċertu debris li nstab kien fuq dawk il-brake marks. Dawk kienu l-aktar brake marks pronounced li kien hemm fuq il-post. Il-brake marks l-oħra ma kinux ċari daqs dawk li jikkonduċu għall-inċident. Huwa ma setax jgħid jekk il-brake mark kenitx ta' sagħtejn qabel.
**Ix-xhud qal ukoll li l-wisgħa bejn rota u oħra kienu ċċekkjawha u li dan qabel ukoll mal-brake mark**.

Xehed ukoll Stephen Cachia, amministratur ġewwa l-Land Transport Directorate. Huwa kkonferma li l-Land Rover hija reġistrata fuq Joseph Borda u l-liċenzja kienet imħallsa. (fol 56).

Xehed Mario Buttigieg li kien maħtur bħala espert mill-Maġistrat Inkwerenti. Skont dan ix-xhud l-appellant kien

qed isuq bil-41 mil fis-siegħa jew 65.6 kilometri fis-siegħa. Il-karozza kienet qed tiġbed ħafna laġenba. Il-karozza ma mxietx b'mod dritt iżda mxiet xi distanza b'ċertu angulatura. Id-dwal kienu tajbin iżda r-riklam li hemm mal-bus stop għandu dawl jiddi li jista' jaffettwa ħażin lil min ikun għaddej fit-triq jew isuq karozza.

Fil-kontro-eżami x-xhud qal li fil-viċinanzi kien hemm zebra crossings iżda minn fejn qasmet il-vittma ma kienx hemm. Żied jgħid li għalkemm it-tip ta' dawl jagħti xi dellijiet dan mhux ħa jtellef daqshekk. Il-pedestrian ittajret 2.25 metres[1] 'il bogħod mill-bankina. Il-punt tal-impatt kien 'il barra mill-bankina kif kienu l-brake marks. Huwa kien kejjel il-ħxuna tat-tyre marks (fol 65) u qablu perfettament. l-ttyres li kellha l-land rover kienu normali. Setgħu kienu tyre marks ta' Land Rover oħra imma t-tyre makrs kienu tant skuri li f'dik it-triq li jgħaddu tant karozzi minnha kienu jispiċċaw fi żmien sitt sigħat l-aktar. Il-brake marks baqgħu sejrin sa taħt it-tyres ta' quddiem tal-vettura u hemm hekk waqfu. Il-brake marks l-oħra eliminhom għax ma kinux tal-land rover. Meta ttestjaw il-karozza dak in-nhar fuq il-post, il-karozza bidet tiġbed lejn il-ġenb kemm lejn il-lemin kif ukoll fuq ix-xellug. Karozza mhux suppost tiġbed la naħa u lanqas oħra. Il-karozza kien ipprovaha b'sewqan ta' għoxrin mil fis-siegħa għal darbtejn u fid-darbtjen ġibdet. Huwa ma qabel assolutament xejn li l-land rovers għandhom din il-karatteristika li jiġbdu.

Fit-tieni kontro-eżami (fol 91), huwa qal li hu ma jkunx ħa sketch għax dak xogħol il-perit. Huwa jaħgmel rough sketch għalih. Huwa kien ħadem il-brake marks fuq dak li kien ra. Ix-xhud qal li kien għamel record tal-brake mark iżda mhux tat-tip li kien qed jissuġerixxi l-avukat difensur. Dak huwa xogħol tal-perit u ta' min jieħu r-ritratti. Inkella jkomplu telgħin l-ispejjeż. Huwa kien preżenti mal-perit waqt lid an tal-aħħar kien qed ikejjel il-brake marks u huwa kien mexa fuq l-isketch tal-perit. Huwa u l-perit setgħu jikkonstataw li 'dak' kien il-brake mark li ħalliet il-karozza tal-appellant għaliex dak kien l-aktar skur. Dawn

[1] Kull metru fih tliet piedi u 3 pulzieri jew 3.25 piedi. 2.25 x 3.25 = 7.3125 piedi.

baqgħu sejrin sa taħt it-tyres tal-karozza tal-appellant meta din kienet għadha fuq il-post. (fol 95).

Meta x-xhud inġibditlu l-attenzjoni li skont l-siketch dawn il-brake marks ma kinux iwasslu sa taħt il-karozza, huwa wieħeb li dak kien l-aktar brake mark firsk li kien hemm fit-triq. Kien deher ċar li l-brake mark kien sar within a couple of hours għaliex brake mark jibda jiffejdja hekk kif jgħaddi ftit żmien. Hawnhekk l-espert qabel mad-difiża li t-tyres tal-land rover kienu off road tyres. Dawn mhux bil-fors li jħallu imprint akbar fuq it-tarmac. Huwa qal ukoll li kieku t-tyre mark kienet ta' vettura normali kieku kienu jiskartawha. (Hawnhekk kienu ċċekkjati xi dettalji – partikolarment dwar is-sena li tidher fid-data tar-rapport kif ukoll dwar jekk kienx hemm xhieda okulari). Mill-banda l-oħra x-xhud qal li d-dwal tat-triq kienu kiollha mixgħulin. L-appellant kien żamm id-dwal tal-landrover mixgħulin biex setgħu jagħmlu l-aċċess. Id-daqqa kienet frontali mal-mudguard tax-xellug (fol 100).

Meta fir-ri-eżami huwa ntwera r-ritratti numri 6 u 7, ix-xhud rrefera għall-ħxuna tat-tyre partikolari kif ukoll tat-threadings.

F'kontro-eżami ieħor, ix-xhud qal li kienu damu on site biex jidentifikaw it-tyre marks tant riedu jkunu ċerti. Huma mhux biss neħħew il-brake marks l-oħrajn iżda kkonsidraw dakli kien l-aktar frisk biex waslu għad-deċiżjoni tagħhom.

Xehdet il-Professoressa Marie Therese Camilleri li qalet li l-impatt kien vjolenti għax il-vittma kellha frattura tas-sinsla ta' daharha, fratturi fil-kustilji u fl-aorta. Biex tinqasam l-aorta jrid ikun hemm ċerta impatt.

Fil-kontro-eżami x-xhud qalet li l-għadam tax-xjuħ jinqasam aktar malajr iżda din kellha ħafna ksur.

Dr.Mario Scerri qal li l-vittma kellha fratturi tal-long bones ta saqajha – evidenza ta' primary impact. Kien hemm a secondary impact fuq is-sider, fuq l-iscalp u fuq wiċċha.

Kien hemm ukoll frattura tal-mandible. Fl-awtopjsa rriżulta li kien hemm fratturi fir-rib cage, fil-kustilji u fl-aorta.

Xehed ukoll Dr Thomas Armatis li kien qed jaħdem fil-casualty fil-Mater Dei. Huwa qal li malli l-vittma ddaħħlet l-isptar it-tobba użaw il-metodu tas-CPR iżda fl-10.20 kienet mejta. (fol 77).

Xehed l-espert Joseph Zammit (fol 80). Huwa qal li huwa kien ħgamel rapport konġuntiv mal-espert Mario Buttigieg u jinsab a fol 29 tal-PV. Il-vettura kellha difett fil-brakes tagħha. Meta tagħfas il-brake kienet tiġbed fuq nħa au fuq oħra b'mod vjolenti meta tkun b'ċertu speed.

Fil-kontro-eżami huwa qal li d-difett tfaċċa meta x-xhud kien qed isuq bit-30 kilometru fis-siegħa. Jekk l-ispeed ikun akbar, id-difett jiżdied. It-test kein sar l-għada tal-inċident.

Fit-tieni kontro-eżami (fol 87) huwa qal li tyres kienu pjuttost wesgħin, tajbin u kważi ġodda. l-xhud ma kienx ħa l-print. Kienu tyres tal-off road – jgħidulhom bil-penzijiet biex jiggrippjaw aktar. Ikkonferma li dawn il-brakes jorbtu aktar minn brakes normali.

Fir-ri-eżami x-xhud qal li meta tapplika l-brake fuq ċertu speed, il-brakes ma jżommux bi dritt imma jizzigjaw. Meta huwa kien aċċellara l-ispeed għal naqra ma kienx ser ikun hemm inċident. L-aktar li kien aċċellar kien għal 45 kilometres fis-siegħa.

Barra mill-kontro-eżamijiet li huma inklużi hawn fuq, xehed għad-difiża John Attard li huwa mechanic. Huwa jaħgmel is-service lil-Land rover tal-appellant u kien iffittjalha l-magna wkoll. Ftit qabel l-inċident huwa kien bidlilha l-magna u għamlilha xi brakijiet ukoll. Il-karozza kienet in good condition u l-appellant kien iffissat fuqha. Il-karozza dejjem għaddiet mill-VRT. Il-karozza armata bil-four disk brakes. Sakemm rahom hu, it-tyres kienu f'kundizzjoni tajba. Ix-xhud qal ukoll li jekk tkun qed issuq il-karozza bit-tletin mil fis-siegħa, il-karozza taf tiġbidlek naħa jew oħra. Jiddependi fuq it-rirq ukoll. Fejn sar l-inċident ma kienx

hemm tarmac ġdid u gallur l-karozza titlef l-effiċjenza tagħha. Fuq triq niexfa off road tyres jaqbdu iktar iżda jagħmlu inqas imprint. (fol 115).

Xehed ukoll Joseph Magri li kkonferma li dokumenti a fol 119 (test tal-VRT tal-karozza) tal-proċess ħarġu mill-kumpanija Magri Autocare Centre ta' Ħal-Luqa. Dan juri li l-karozza għaddiet mit-test u kienet tajba għat-triq.

It-test kien jidher li sar fid-29 t'April 2008.

Ikkonsidrat

Il-Qorti l-ewwel ser teżamina t-tielet parti tal-aggravju – dwar il-veloċita' u dan minħabba li huwa l-aggravju l-aktar importanti.

Id-difiża l-ewwel li qed tikkontesta kif ġew identifikati t-tyre marks tal-karozza tal-appelalnt fi triq fejn jgħaddu ħafna karozzi. Ix-xhieda ewlenin dwar dan kienu l-esperti Dr Mario Buttigieg u l-perit arkitett is-Sur Richard Aquilina. Id-difiża qed tikkonkludi li għaliex l-esperti damu fuq il-post, allura dak li kkonstataw ta' min joqħgod fuqu u joħloq dubju.. L-ewwelnett effettivament jekk nieħdu l-ħin meta huwa allegat li sar l-inċident u meta l-perit arkitett jirraporta li l-aċċess ingħalaq (fl-10.15pm) ma jidhirx li kien għadda xi ħafna esaġerat. Biss, biss wieħed irid jistenna l-ħatra mill-Maġistrat u imbagħad hemm is-sewqan sa fuq il-post.

It-tieni, il-fatt li l-esperti ħadu xi ftit taż-żmien hija prova tar-reqqa li bih qdew l-inkarigu.

U t-tielet mhux ser jinħoloq dubju raġjonevoli għax seta' kien hemm brake marks oħra. Iż-żewġ xhieda kienu kategoriċi li huma għażlu l-aktar brake marks friski u l-aktar qawwija.

Id-difiża qegħda wkoll tikkontesta r-rapport li għamel Dr Mario Buttigieg, espert maħtur mill-Qorti kemm għaliex, fil-fehma tagħha, kien imissu daħħal ċerti dettalji fir-rapport kif ukoll għaliex skont id-difiża, it-tyre marks ma kinux

iwasslu sal-karozza, skont l-isketch tal-perit, waqt li Dr Mario Buttigieg qal li dawn kienu jwasslu sa taħt il-karozza. (fol 66)[2]

Dwar l-allegat nuqqas ta’ dawl, jirriżulta li l-appellant żamm id-dawl tal-karozza biex setgħu jaraw waqt li l-perit arkitett kellu t-torch tiegħu ukoll. (Ara wkoll ir-ritratt 08 BOO 3).

Meta l-Qorti staqsiet lil Dr Mario Buttigieg jekk meta kien qed jagħmel il-kostatazzjonijiet tiegħu huwa kienx mexa fuq l-isketch li ħejja l-perit, huwa wieġeb hekk:

‘Tal-perit stess.’

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa r-rapport tal-espert Dr Mario Buttigieg u sabet dan li ġej:

‘Illi ġie osservat fuq ix-xena tal-inċident li l-vettura ħalliet brake marks. Kien hemm żewġ sinjali ta’ brake marks. Intant ġie osservat li l-marki mħollija mill-brakes tan-naħa tax-xellug kienu itwal minn tan-naħa tal-lemin. Intant l-itwal brake mark kien 31.25 metri. Is-sinjali tal-brake marks ma kinux dritti iżda kienu mdawrin. Dan jindika li l-vettura ma baqgħetx miexja dritta iżda kien hemm ħin meta bdiet iddur.’

Il-Qorti qabblet dan li jingħad f’dan il-paragrafu mal-isketch tal-perit u sabet li dawn id-dettalji huma perfetti u li l-kalkoli saru propju fuq dak li hemm imniżżel fil-pjanta tal-perit. Jiġifieri, il-kalkoli ma ttiħdux fuq brake marks li jwasslu sal-vettura imma ttieħdu fuq dawk li jidhru fl-isketch. Skont l-istess rapport tal-perit, u skont ix-xhieda tal-istess espert, l-espert Dr Mario Buttigieg kien preżenti waqt li kien qed isir l-aċċess dak in-nhar tal-inċident u allura Dr Mario Buttigieg seta’ jara dan kollu b’għajnejh u x’kien qed jagħmel il-perit arkitett. .

[2] Pero’ sur Maġistrat, il-brake marks baqgħu sejrin sa taħt it-tyres ta’ quddiem tal-vettura u hemm waqfu.

Wara li qieset dan kollu, il-Qorti ma qed issib xejn konfliġġenti bejn dak li stabilixxa l-Perit Arkitett is-sur Richard Aquilina u dak li stabilixxa l-espert Dr Mario Buttigieg.

Il-bqija tar-rapport huwa maħdum fuq prinċipji tal-Fiżika li ilhom ġejjin minn żmien Newton u l-Qorti qed taċċetta li l-ispeed tal-appellant kien 41 mil fis-siegħa. (Dan iġib 65.6 kilometri fis-siegħa). Skont l-istess rapport (fol 30) li kieku l-appellant kien miexi bit-tletin mil fis-siegħa ( f'kilometri bit-48 kilometru fis-siegħa), il-vettura kienet tieqaf 17,77 metru qabel ma seħħ l-impatt. (Ara fol 30 tal-Proċes Verbal)

Skont l-artikolu 127 tal-Motor Vehicle Regulations l-ispeed limit għall-private cars 'in towns and villages' – u tas-Sliema tista' titqies bħala villaġġ – huwa ta' 50 kilometru fis-siegħa. Dan l-ispeed ilu hekk minn meta ħarġu r-regolamenti (Legal Notice 128 tas-sena 1994).

Dwar l-ispeed il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li qal l-appellant lill-WPS 215 Valerie Farrugia – jiġifieri li huwa kien qed isuq b'madwar sittin kilometru fis-siegħa.[3] Din il-prova hija ammissibbli skont l-artikolu 658 tal-Kap 9 għaliex dan huwa dak li qal l-appellant stess lix-xhud. Barra minn dan jirriżulta wkoll mir-rapport ta' Dr Mario Scerri li l-leżjonijiet fuq il-katavru huma riżultat ta' impatt vjolenti. [4] U skont il-patoloġista 'The ascending aorta is completely transected'. (fol 115). U fix-xhieda tagħha, dan spjegatu hekk:

'If the aorta raptures completely, irid ikun hemm impatt vjolenti sew.' (fol 71).

'Il-ħafna fratturi li kellha kienu riżultat ta' impatt vjolenti.' (fol 70).

---

[3] Ara sommarju tax-xhieda aktar 'il fuq.

[4] Jirriżulta wkoll dan li ġej mir-rapport ta' Dr Mario Buttigieg

'Illi meta Kurt Borda ġie mistoqsi bil-kemm kien għaddej hu allega li ma setax jgħid peress li l-ispeedometer tiegħu ma kienx jaħdem.' (fol 59, 60 tar-rapport)

Issa l-vittma kienet persuna u mhux xi karozza għaddejja bi speed min-naħa opposta u allura dan l-impatt vjolenti mhux ir-riżultat ta' żewġ forzi mexjin kontra xulxin imma riżultat ta' kif kienet qed tinstaq il-karozza.

Barra dawn id-dettalji, huwa sinifkanti wkoll fejn instabet il-'karkura tax-xellug' li hija mmarkata bħala fil-post numru 1 tal-pjanta u fejn spiċċat il-karozza li terġa' quddiemha kien hemm roqgħa demm (13) kif ukoll il-mazz tat-tlitt iċwievet (12). Hemm distanza konsiderevoli bejn il-post immarkat 1 u l-postijiet immarkat (13) u (12). Loġikament, il-vittma kienet diġa' ntlaqtet fejn hemm il-karkura fl-art. Fl-aħħarnett il-vittma nstabet 4 metri 'l bogħod mill-karozza skont il-Pulizija li waslet fuq il-post immedjatament wara l-inċident.

Jekk wieħed jikkonsidra dawn l-indizji kollha b'mod kumulattiv, allura jasal għall-konklużjoni li l-appellant kien qed isuq il-karozza bi speed aktar minn dak li jippermetti r-regolament.

Id-difiża rreferiet għax-xhieda okulari li qalu li l-landrover kien qed jinstaq 'normali.'. Bir-rispett kollu, il-Qorti ftit tista' toqgħod fuq dawn ix-xhieda għaliex waħda (Thea Borg) kienet qed tħares lejn il-bankina ħa tara tilmaħx lill-ġenituri waqt li l-oħrajn, kemm Silvana Calleja kif ukoll Emanuel Sant, kienu aktar attenti jħarsu lejn in-naħa l-oħra tat-triq ħa jaraw isibux post għall-parking.

Għalhekk il-Qorti ma tistax torbot fuq dawn ix-xhieda. Aktar u aktar il-Qorti ma tistax tiskarta rapport ta' espert biex tistrieħ fuq xhieda okulari li seta' kellhom biss impressjoni ħafifa tal-ispeed li kienet għaddejja bih il-landrover. Biżżejjed issir referenza għal dak li xehed Emanuel Sant quddiem Dr Mario Buttigieg:

'Jien din il-vettura qatt ma rajtha ġejja mid-direzzjoni opposta.' (fol 43).

Id-difiża ppretendiet ukoll aktar dettalji fir-rapport tal-espert dwar it-tyres u dan minħabba kwistjoni ta'

identifikazzjoni. Il-Qorti hawn tirreferi għal dak li qal il-perit arkitett fix-xhieda tiegħu

**Ix-xhud qal ukoll li l-wisgħa bejn rota u oħra kienu ċċekkjawha u qabel ukoll mal-brake mark**.

Kien xehed ukoll li l-brake marks kienu fid-direzzjoni tal-vettura,

Din il-Qorti hija għalhekk moralment konvinta li l-esperti kienu korrettissmi fl-identifikazzjoni tat-tyres u li dawn kienu tal-landrover li kienet misjuqa mill-appellant.

Lanqas ma hija konvinta l-Qorti li hemm xi żbalji li jqanqlu xi dubju għaliex id-data fuq quddiem hija indikata ħażin jew għaliex fuq quddiem ukoll hemm il-kliem 'xhieda okulari ħadd'. Filfatt jirriżulta li wkoll fil-handwritten statements tax-xhieda jidhru xi żbalji fid-data (2007 flok 2008) (ara fol 69) u dan waqt li kienu qed jittieħdu x-xhieda sebat ijiem biss wara l-inċident u s-sena kienet diġa' waslet f'Lulju. Dwar ix-xhieda okulari, dawn kienu ttieħdu mill-istess espert kif jirriżulta mir-relazzjoni. S'intendi min għamel il-faċċata ta' quddiem tar-relazzjoni seta' qagħad aktar attent. Dawn jidhru żbalji li jistgħu jsiru fi pressjoni ta' xogħol imma bl-ebda mod ma jxejnu r-relazzjoni ppreżentata. Konsegwentement, il-kalkoli dwar l-ispeed huma korretti. Il-provi juru li l-ispeed, li kien aktar minn dak li hu permess mil-liġi, kien kawża tal-inċident.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tielet parti tal-aggravju

Il-partijiet l-oħra tal-aggravju huma dwar nuqqas ta' proper look out u d-difett mekkaniku fil-karrozza.

Jirriżulta li t-triq fejn seħħ l-inċident fiha żewġ zebra crossings kif ukoll li hija wiesgħa 11.2 metres.

Id-difiża ssottomettiet li kien hemm problemi b'nuqqas ta' dawl u bid-dawl li kien ħiereġ mir-riklam li kien hemm mal-bus stop.

Dwar in-nuqqas ta' dawl fit-triq ma qablitx xhud ewlenija tal-Pulizija li kienet fuq il-post meta l-vittma kienet għadha ma ttiħditx l-isptar. Id-dawl mir-reklam tl-bus stop ikkummenta fuqu fin-negattiv l-espert Dr.Mario Buttigieg.

Id-difiża tissottometti li sewwieq m'għandux joqgħod iħares lejn il-ġenb tat-triq biex jara jekk xi pedestrian ifettilux jaqsam.

Bir-rispett kollu, il-Qorti ma tabilx ma' din is-sottomissjoni. Huwa propju għalhekk li l-Highway Code jagħti parir lis-sewwieqa biex ma jipprovawx jilħqu l-maximum speed allowed huma u jsuqu. U f'ċerti toroq, fejn għandek ħafna neis jippassiġġaw, is-sewwieq irid joqgħod aktar attent għaliex min ikun qiegħedgħalla-rja tal-baħa jista' jkollu t-tentazzjoni jaqsam għan-naħa l-oħra tat-triq jew għax ra xi persuna li tafu jew biex imur jixtri xi ħaġa. It-triq fejn sar l-inċident hija fost dawk it-toroq fejn il-proper look out irid ikun mill-aqwa.

Il-Qorti tifhem li l-anzjani ddeċidiet li taqsam minn dak il-parti tat-triq flok għażlet li tuża ż-żebra crossing. Setgħet ukoll ħarġet minn wara xi bushes. Imma jirriżultawkoll li hija ntlaqtet meta kienet 2.25 metres 'il bogħod mill-bankina fi triq li hija wiesgħa 11.2 metres u li għalhekk kull kareġġjata hija ta' 5.6 metres. Dan ifisser li kienet imxiet qisha 40.17% tal-karreġġjata li fiha kien qed isuq l-appellant.

Li kieku l-appellant kien almenu għaddej bi speed fil-limitu tal-liġi kien ikollu ċans jara lill-vittma ukoll jekk id-deċiżjoni tal-vittma li ma taqsamx minn fuq iz-zebra crossing qanqlet problema.

Il-Qorfti qed tikkonkludi billi qed taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati li l-appellant ma kienx qed iżomm a proper look out fi triq lit kun dejjem miżgħuda bin-nies u li fiha trid toqgħod attent ħafna għal xi persuna li tiddeċiedi li taqsam. L-attenzjoni qrib zebra crossing mhix biżżejjed.Ix-xufier irid ikun lest għas-sorpriżi.

Għalhekk il-Qorti qed tiċħad ukoll l-ewwel parti tal-aggravju.

**It-tieni parti tal-aggravju**

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda tal-espert Joseph Zammit (fol 80 et seq) li kkonstata li kien hemm 'difett' fis-sens li meta tuża l-brake, il-karozza kienet tiġbed fuq naħa jew fuq oħra b'mod vjolenti meta tkun b'ċertu speed. Meta l-vettura nstaqet b'aktar minn tletin mil fis-siegħa l-vettura ġibdet fuq in-naħa tax-xellug. Meta nstaqet b'veloċoita' ta' anqas minn tletin mil-fis-siegħa rabtu. (Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati a fol 155). Id-difiża ssottomettiet li dan id-difett ma kienx il-kaġun tal-inċident. Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni għaliex dan id-difett mekkaniku ġab nuqqas ta' kontroll tal-vettura meta nqalgħet emerġenza.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju.

**Sewqan traskurat jew perioluż.**

Il-Qorti qed tirreferi għal din il-każistika t'hawn taħt in konnessjoni ma tipi ta' sewqan li mhux permess mil-liġi.

1) Il-Pulizija vs Manwel Mallia. 9 ta' Marzu, 1959 Qorti tal-Appell Inferjuri Jippresiedi William Harding

Kriterju fiss bejn sewqan negliġenti u sewqan perikoluż ma hux faċli li jigi stabbilit; kif lanqas ma jista` wieħed jagħti definizzjoni preċiża ta` sewqan perikoluż. Il-kwistjoni hi kollha wahda ta` "degree"; u kull każ ghandu l-fattezzi tiegħu. Fil-kaz preżenti, l-imputat kien ghamel manuvra ta` "overtaking", u l-Qorti tal-Appell irriformat is-sentenza appellata, li kienet sabitu hati ta` sewqan perikoluż, billi ddikjaratu hati ta` sewqan negligenti biss.

(2) Il-Pulizija konta Alfons Abela 10 ta' Marzu 2005 – Qorti tal-Appell Inferjuri (Jippresiedi l-Imħallef Joe Galea Debono).

‘Nuqqas ta' 'proper lookout' u ċioe’ nuqqas ta' prudenza ordinarja li wieħed għandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali jammonta għal sewqan traskurat.’

Il-Pulizija vs Roderfick Debattista (Qorti tal-Appell Kriminali – Inferjuri) 26 ta’Mejju 2004
Preseduta mill-Imħallef David Scicluna.

‘Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' 1-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi 1-kazijiet fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji. Sewqan perikoluż (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi 1-ħin u l-lokalita' ta' l-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan, f'liema każ japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Għall-finijiet ta' piena l-legislatur poġġa s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż u involut f'dak ta' sewqan bla kont u f’dak ta’ sewqan perikoluż. Jekk sewqan hux (i) negliġenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluż hi kwistjoni ta' 'degree' .

Il-Qorti esponiet din id-dottrina fid-dawl tal-imputazzjonijiet li kienu dedotti kontra l-imputat / appellant. Jirriżultaw bla ebda dubju dettat mir-raġuni l-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-ħames imputazzjoni. Mill-provi ma tirriżultax it-tielet imputazzjoni u għalhekk qed tilliberah minnha. Skont id-dottrina hawn fuq esposta tapplika d-dottrina in materja ta' konkors ta'reati.i.

**Negliġenza Kontributorja.**

Bħalma tajjeb qalet il-Qorti tal-Maġistrati, il-vittma kienet negliġenti meta qabdet u qasmet mhux minn fuq iż-żebra crossing. Wieħed jifhem li meta wieħed jikber ma jkunx jixtieq itawwal it-triq billi jimxi saż-żebra crossing. Iżda l-pedestrian ukoll irodd joqgħod attent u jimxi mar-regolamenti li jolqtuh kif spjegati b'mod ħafif fil-Highway Code. Mhux sewwa li jinħolqu emerġenzi ukoll jekk toroq bħalma huma l-front ta' Tas-Sliema u l-Front ta' Buġibba huma 'leisure areas' fejn ikun jixtieq il-liberta'massima. Biss kull sewwieq irid iżomm f'moħħu li tista' tinqala' sitwazzjoni fejn huwa jkollu jirreaġixxi ta' malajr u għalhekk l-ispeed għandu jkun moderat **u anqas mill-massimu permess mil-Liġi** biex ikun aktar ħafif li wieħed jikkontrolla l-vettura

Min-naħa l-oħra fil-kamp kriminali, in-negliġenza kontributorja mhix difiża fi prosekuzzjoni kriminali. Kif jgħid il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu dwar il-parti ġenerali tal-liġi kriminali:

'Contributory negligence on the part of the victim is not a ground of defence…..because the Republic and not the deceased or his representative is the plaintiff……It may perhaps be a ground for lightening the sentence.' (paġina 72).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati użat il-konkors tar-reati u ma tatx l-ogħla piena possibbli minħabba li korrettement qieset in-negliġenza kontributorja tal-vittma.

**Konklużjoni**

Għaldaqstant din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi fis-27 t'April, 2012 billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, tat-tieni, tar-raba' u tal-ħames imputazzjoni, fejn skwalifikatu milli jżomm jew jottjeni liċenzja tas-sewqan għal perjodu ta' sitt xhur u fejn ikkundannatu jħallas l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' periti li jammontaw għal elfejn, tliet mija u tlieta u għoxrin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu (€2323.95), u qed tirriformaha f'dik il-parti fejn sabitu ħati wkoll tat-tielet imputazzjoni u minnflok qed tilliberah minnha u qed tirriforma s-sentenza wkoll fejn il-Qorti ikkundannat lill-appellant għal sentejn priġunerija li kellhom ikunu sospiżi għal perjodu ta' tliet snin u minflok qed tikkundannah għal sena u għaxar xhur priġunerija li għandhom jibqgħu sospiżi għal tliet snin ai termini tal-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spjegat lill-appellant xi jkunu l-konsegwenzi jekk huwa jwettaq xi reat ieħor matul dawn it-tliet snin. Il-perjodu ta' priġunerija sospiż għal tliet snin u l-perjodu tal-iskwalifika tal-liċenzja jibdew għaddejin min-nofs il-lejl ta' llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------